MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 54/2009

**Rose Bugeja**

**Vs**

**Anthony Attard kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' huh l-imsiefer George Attard wara li gew accettati minnu l-bandi debitament mahruga minn din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-ittra ufficjali prezentata minn l-attrici fit-18 ta' Dicembru 2008, Raymond Attard, Mario Attard, Enzo Attard, Andrew Attard, Maryanne Brincat, Joseph Attard u b'digriet tal-10 ta' Awwissu 2009 Enzo Attard gie nominat kuratur deputat sabiex jiraprezenta lill-imsiefer Aldo Attard**

Din hi sentenza preliminari dwar l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet tal-konvenuti (mhux inkluz Mario Attard)[1].

[1] Fol. 39.

Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob is-sehem rizervat (legittima) mill-wirt ta' missierha Carmel Attard li miet fil-5 ta' Frar 2002. B'testment li ghamel fil-21 ta' Lulju 2000 huwa istitwixxa bhala werrieta tieghu lill-konvenuti, bl-eccezzjoni ta' Aldo u Enzo Attard li huma wlied il-mejjet John Mary Attard. L-attrici ppremmetiet ukoll li permezz ta' kuntratt li sar fl-14 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-nutar Enzo Dimech, missierha kien ittrasferixxa l-fond numru 69, Triq il-Kappillan Guzeppi Hili, Fontana lill-huha Raymond Attard. L-attrici ssostni li dan il-bejgh kien simulat u fir-realta' hu donazzjoni. Inoltre, anke jekk kellu jigi accettat li sehh bejgh, l-att jikkonsisti in parti f'liberalita' peress li l-valur dikjarat hu baxx hafna. L-attrici qeghda titlob sabiex:-

1. Il-kuntratt ta' bejgh li sar fl-atti tan-nutar Enzo Dimech fl-14 ta' Mejju 2001 hu simulat u fil-fatt hu donazzjoni, u subordinatament jekk il-qorti tichad din it-talba ghandha tiddikjara li l-valur imhallas hu ferm inferjuri ghal valur proprju tal-fond u ghalhekk l-att jikkonsisti f'att ta' liberalita. Ghalhekk dan it-trasferiment ghandu jigi mehud ghal finijiet tal-kalkolu tas-sehem rizervat.
2. Tillikwida s-sehem rizervat dovut lill-attrici mill-wirt ta' missierha.
3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-legittima li tigi likwidata.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-2 ta' Settembru 2009, il-konvenut Mario Attard irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-qorti.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fis-7 ta' Settembru 2009 (fol. 39) il-konvenuti l-ohra eccepew li:-

1. Ir-rikors hu null skond l-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12, ghaliex it-talba tal-attrici hi bazata fuq kawzali differenti minn xulxin, u cioe simulazzjoni u fl-istess hin li l-fond inbiegh b'valur inferjuri, u kif ukoll hemm talba gha-sehem rizervat. Dan jivvjola l-principju li selecta una *via non datur recursus ad alteram*.

2. Hemm nuqqas ta’ interess guridiku fl-attrici li titlob in-nullita’ tal-kuntratt, ghaliex ma kenitx parti mill-kuntratt u l-att u *res inter alios acta*.

3. It-tieni talba tal-attrici hi nulla ghaliex kellha titlob li jigu likwidati l-assi li jifformaw parti mill-wirt ta’ missierha Carmelo Attard.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet li pprezentat l-attrici u l-konvenuti fit-22 ta’ Ottubru 2009.

**<u>L-ewwel eccezzjoni</u>** – kawza saret fuq kawzali differenti, cjoe’ simulazzjoni u talba ghal sehem rizervat:-

Il-fatt li l-attrici qeghda titlob, fl-istess kawza fejn qeghda titlob is-is-sehem rizervat (legittima), dikjarazzjoni li kuntratt ta’ bejgh hu simulat ma jwassal ghal ebda nullita’. Mir-rikors guramentat hu evidenti li l-attrici qeghda tallega li l-kuntratt ta’ bejgh li sar fl-14 ta’ Mejju 2001 hu simulat, u li fir-realta’ kien donazzjoni li l-udituri taghha (Carmel u Rita konjugi Attard) ghamlul lil huha Raymond Attard u lil martu Victoria Attard. Il-hsieb tal-attrici hu sabiex il-valur tal-fond jidhol fil-patrimonju tal-wirt sabiex tkun tista’ tiehu s-sehem rizervat mil-ligi.

L-attrici ma kellix bzonn li tipprezenta kawza separata sabiex jigi dikjarat li hemm simulazzjoni. Gialadarba l-attrici qeghda tippretendi li l-valur tal-fond ghandu jigi nkluz fil-konsistenza tal-assi ereditarji ta’ missierha, kellha bilfors taghmel l-ewwel talba in kwantu fil-kuntratt jinghad li sar bejgh. F’dan il-kuntest hemm certament konnessjoni bejn l-ewwel talba tal-attrici u z-zewg talbiet l-ohra, u l-qorti mhi tara l-ebda kontradizzjoni bejniethom. F’dan il-kuntest issir riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Mary Bezzina et vs Joseph Vella et** deciza fid-29 ta’ Ottubru 1999 li kienet tittratta wkoll talba ghal dikjarazzjoni li kuntratti kienu simulati, u talba ghall-legittima:-

***“Ma kellux allura jkun hemm ostakolu ghall-atturi li jipprocedu b’att ta’ citazzjoni wahda li tkun tikkontjeni kumulu ta’ azzjonijiet sakemm jigi sodisfacentement***

***pruvat lill-Qorti li tali procedura kienet utili ghall-ekonomija tal-gudizzju……*** *"La cumulazione delle citazioni era permessa e frequentemente praticata sotto la giurisprudenza anteriore. E' cosa in se ragionevole, conducente ad economia di tempo e di spese e non pregiudizievole al convenuto ne punto irriconciliabile con la legge attuale" (Cremona, Commentario sul Codice di Procedura, p. 847)"*.

Bl-istess mod il-qorti ma tara xejn kontradittorju fl-ewwel talba tal-attrici, bil-fatt li talbet sabiex il-qorti tiddikjara li l-kuntratt tal-14 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-nutar Enzo Dimech hu simulat ghaliex jirraprezenta donazzjoni u li **subordintament**, tiddikjara li l-valur imhallas hu inferjuri mill-valur reali u ghalhekk jikkonsisti f'att ta' liberalita'. Fil-kaz ta' simulazzjoni l-indagni li trid issir hu jekk dak li nkiteb fil-kuntratt jirriflettix ir-realta', cjoe' indagni ta' dak li verament sar. L-iskop tal-attrici m'huwiex sabiex jigi dikjarat null il-kuntratt, in kwantu l-kuntratt jibqa' jghodd bhala donazzjoni. Is-simulazzjoni li qeghda tipprospetta l-attrici hi dik maghrufa bhala **relattiva**, cjoe' meta l-partijiet ikunu riedu jaghmlu kuntratt taht apparenza ta' iehor. F'din it-tip ta' simulazzjoni l-iskop hu li tigi stabbilita r-realta' tal-att u titnehha l-forma apparenti tieghu (Volumi XXXIV.ii.666 u XLI.ii.980). Ovvjament kollox jiddependi mill-provi li jitressqu fil-meritu. Jista' jkun li ghalkemm ma ssirx prova sodisfacenti li l-partijiet ghall-kuntratt ta' bejgh li sar fl-14 ta' Mejju 2001 fir-realta' riedu jaghmlu donazzjoni, ikunu tressqu bizzejjed provi sabiex il-qorti tikkonkludi li n-negozju hu wiehed mist (*negotium mixtum cum donatione*). Dan fis-sens li permezz tal-kuntratt il-partijiet ikunu b'rieda stabbilew prezz ferm inferjuri minn dak li hu dovut, bl-intenzjoni li parti tarrikkixxi lill-parti l-ohra. Dan in-negozju guridiku m'huwiex donazzjoni simulata, in kwantu l-att li jkun sar hu volut fl-elementi kollha tieghu; l-agent realment irid l-effetti giuridici tal-att li jkun sar, anke jekk permezz ta' dak l-att ikun irid fl-istess hin jipproduci rizultat li hu dak ta' liberalita' favur ta' persuna. Il-causa f'dawn it-tip ta' kuntratti ghandha *"….**<u>natura onerosa</u>**, ma il negozio commutativo stipulato dai contraenti ha la finalita' di raggiungere, per via indiretta, attraverso la volute sproporzione tra le*

*prestazioni corrispettive, una finalita' diversa ed ulteriore rispetto a quello dello scambio, consistente nell-arrichimento, per puro spirito di liberalita' di quello dei contraenti che riceve la prestazione di maggior valore, con cio' realizzando il negozio posto in essere una donazione indiretta."* (*Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza*, P. Cendon u A. Baldassari, UTET (2007) pagna 793). Formalment il-kuntratt ikun bejgh, imma b'intenzjoni ulterjuri ta' liberalita'. Il-bejgh bi prezz inferjuri m'huwiex bizzejjed in kwantu jrid jirrizulta:-

a. Sproporzjon sinifikanti bejn il-prestazzjonijiet;

b. Min qieghed jittrasferixxi jrid ikun konsapevoli mill-insufficjenza tal-korrispettiv li jkun ircieva meta paragunat mal-valur tal-beni li jkun ceda, u intiz sabiex tigi arrikita dik il-parti li lilha tigi trasferita l-proprjeta'.

M'hemmx dubju li normalment f'kawzi ta' din ix-xorta l-attur ikun estraneju ghar-retroxxena li jkun hemm wara l-kuntratt. Anzi normalment isir jaf bit-trasferiment wara l-mewt tat-testatur. Ovvjament il-qorti m'hijiex tghid li hekk gara f'dan il-kaz. Kwistjoni li tigi trattata meta jinstemghu l-provi fil-meritu. F'kawzi ta' din in-natura l-qorti ma taqbilx li l-attur ghandu jkollu jdejh marbutin, fis-sens li jrid jaghzel li jew jikkontesta l-kawza fuq il-bazi tas-simulazzjoni jew li jkun sar negozju mist b'donazzjoni. L-interess tal-attur hu li jekk tkun sehhet xi liberalita' din ghandha tigi kkunsidrata ghal finijiet tal-kalkolu tas-sehem rizervat li tatih il-ligi. F'dan il-kuntest il-qorti ma tarax li hemm inkompatibilita' bejn it-talbiet li ghamlet l-attrici, in kwantu l-finalita' tat-talbiet hi proprju sabiex jekk saret xi liberalita', kemm jekk ta' natura diretta jew indiretta, din tittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni li trid issir. Dan minkejja li s-simulazzjoni relattiva hi differenti minn donazzjoni indiretta, in kwantu f'ta' l-ewwel m'hemmx ir-rieda li jigu prodotti l-effetti ta' negozju b'titolu oneruz kif ikun jidher mill-att imma tan-negozju dissimulat. Min-naha l-ohra fil-kaz ta' donazzjoni indiretta, il-partijiet ikunu jridu jipproducu l-effetti tan-negozju li jkun twettaq. Ghalkemm fin-negozju jkun hemm l-element oneruz, hemm ukoll l-element ta' liberalita'.

Hu minnu li hu biss fil-kaz tal-kollazzjoni li l-Kodici Civili espressament jirreferi ghal donazzjoni ta' natura diretta jew **indiretta** (Artikolu 913), fis-sens li t-tfal u d-dixxendenti jridu jghoddu akkont tas-sehem li jispetta lilhom, fil-konfront tat-tfal jew dixxendenti l-ohra li huma werrieta, il-valur ta' dak li jkunu rcevew b'donazzjoni. Fil-kaz tas-sehem rizervat, l-Artikolu 620 jipprovdi li *"fl-assi jidhol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu,……..., ikun iddispona favur ta' xi hadd……."* , u l-Artikolu 648 jipprovdi li ghal finijiet ta' riduzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' testment li jkunu jaqbzu s-sehem li minnu t-testatur seta' jiddisponi, *"…….(b) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni ghandhom imbaghad jigu mghaqqdin maghhom b'kalkolu biss skond il-vlaur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni."*. Pero' l-qorti hi tal-fehma li anke f'dan il-kaz trid titqies donazzjoni indiretta, minkejja li ma tissemmix b'mod espress bhal fil-kaz tal-kollazzjoni bejn il-werrieta. Jekk ikun mod iehor ikun ifisser li ma tkunx qeghda tinghata tutela lil dawk il-persuni li ghandhom dritt ghas-sehem rizervat, u d-decujus ikun jista' facilment jeludi d-drittijiet tal-legittimarji billi jbiegh il-proprjeta' ghall-prezz ferm inferjuri minn dik li tiswa fir-realta', bl-intenzjoni fl-istess hin li jkun qieghed jaghmel att ta' liberalita' favur il-kompratur.

**<u>Tieni Eccezzjoni</u>** – Nuqqas ta' interess guridiku li attrici titlob nullita' ta' bejgh li ma kenitx parti ghalih:-

M'huwiex minnu li l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li l-kuntratt ta' bejgh li sar fl-14 ta' Mejju 2001 hu null. L-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li l-bejgh hu simulat ghaliex fir-realta kien donazzjoni, u jekk ma tintlaqax din it-talba li n-negozju hu mist fis-sens li fih ukoll element ta' liberalita' minhabba l-valur baxx dikjarat bhala prezz fil-kuntratt (donazzjoni indiretta). L-argument li l-att hu *res inter alios acta* ghaliex l-attrici ma kenitx parti fuq il-kuntratt, ma tregix in kwantu l-ghan ta' din il-kawza hu sabiex l-attrici tithallas is-sehem rizervat skond il-ligi. L-ghan tal-attrici hu li s-sehem li t-testatur kellu fil-fond oggett tal-kuntratt tal-14 ta' Mejju 2001, jizdied mal-assi ereditarji tieghu.

**Tielet Eccezzjoni –** Nuqqas ta' talba sabiex jigu likwidati l-assi ereditarji tad-decujus:-

Hu fatt li sabiex l-attrici tkun tista' tircievi s-sehem rizervat, trid issir il-likwidazzjoni tal-wirt ta' missierha. Talba f'dan is-sens m'hemmx fir-rikors guramentat. Madankollu it-talba ghal likwidazzjoni tal-wirt hi kompriza fit-talba ghal likwidazzjoni tas-sehem rizervat. M'hemmx dubju li ma tistax tillikwida s-sehem rizervat jekk qabel ma ssirx il-likwidazzjoni tal-wirt tad-decujus. Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Francesco Camilleri nomine vs Dottor Carmelo Zammit et nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1939 (Volum XXX.i.363):- *"…..biex issir il-likwidazzjoni tal-legittima jkun necessarju illi jigi fl-interess tieghu likwidat l-assi; izda ghal dan il-fini* ***ma hemmx bzonn la talba specjali u lanqas dikjarazzjoni gudizzjali tal-konsistenza ta' dak l-assi****…. Biex tista' tasal ghal dina l-likwidazzjoni hemm diversi processi u principalment dak li tkun formata l-massa globali ta' l-assi intier;* ***izda dan huwa implicitu biex tohrog il-likwidazzjoni tal-legittima"*** (enfazi tal-qorti).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti Anthony Attard bl-ispejjez taghhom.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------